# PRELAT MALTI MAGĦRUF SEWWA RUMA - MONS. LEONARDO ABELA

**Erba' mitt sena ilu kien qed jintgħa el għal għerf, għat-tieba u għall-ħila tiegħu Kanonku tal-Katidral ta' Malta, bl-isem ta' Mons. Leonardu Abela.**

Dan il-prelat kbir Malti ġa tħaddtu fuqhu l-"Malta Letteraria" fis-sena 1938 u "Leħen il-Malti" fl-1953. Rajt, għalhekk, li tkun ħaġa xierqa li ġurnal kattoliku Malti "Leħen is-Sewwa" iġib xi ħaġa dwaru, u ddeċidejt li nikteb dan l-artikolett.

Mons. Abela deher quddiem il-Viżitatur Appostoliku fid-19 ta' Frar 1575. Id-dikjara kemm kellu benefiċċi u l-obbligi tagħhom, fosthom dak ta' Sant' Agata fl-Imdina u tal-kappella ta' S. Marija, li tagħhom kien ir-Rettur. Mid-dikjarazzjoni jidher li f'dik is-sena kien għadu jistudja, avolja kien ġa maħtur Kanoniku tal-Kattidral fil-15 ta' Settembru 1560.

## JAQBAD KARRIERA EKKLESJASTIKA GĦOLJA

Mons. Leonardu Abela twieled l-Imdina fis-sena 1541 u għamel l-istudji tiegħu f'Malta. Iżjed 'il quddiem kiseb id-dottorat fil-Liġijiet Kanonika u Ċivili, u ġie maħtur Kanonku tal-Kattidral ta' Malta.

L-Isqof Martinu Royas xeħet għajnejh fuqu u għażlu bħala Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi u meta dak l-Isqof miet, fis-sena 1577, Papa Gregorju XIII innominah Vigarju Kapitolari sa' l-għażla ta' l-Isqof ta' warajh, li kien Mons. Tummas Gargallo.

Imma Mons. Abela, għall-għerf, it-tieba u l-ħila tiegħu, kienet tixraqlu karriera aktar għolja minn dawk li semmejna. Huwa mar Ruma u hemmhekk il-Papa Gregorju ssokta jagħrfu aħjar u mill-qrib u, għal merti tiegħu, innominah Isqof ta' Sidonja fl-Asja Minuri (illum Sidon jew Saida). Sena wara fl-1583 bagħtu bħala Nunzju Appostoliku fil-Lvant, fejn kienet regħġhet xegħlet l-erezija ta' Nestorju, li fi Kristu kien hemm zewġ Persuni, waħda Divina u l-oħra umana.

## KIEN JAF L-ILSNA ORJENTALI

L-Isqof Abela kien akkwista tajjeb l-ilsna orjentali, b'mod speċjali l-Għarbi u l-Kaldajk. Għalhekk, huwa seta' jaqdi aħjar il-missjoni tiegħu. Huwa żar Aleppo, ċentru ndustrijali fis-Sirja ta' Fuq, il-Mesopotamja (illum l-Iraq) u l-Eġittu. Matul din il-missjoni rnexxielu jagħmel ħafna ġid.

Meta wettaq il-missjoni tiegħu, Mons. Abela telaq għal Ruma biex jagħti rel-azzjoni tal-missjoni lill-Papa. Bħala bniedem li jħobb lil pajjiżu, f'dak il-vjaġġ xtaq jara lil Malta u lin-nies ta' pajjiżu, u għalhekk hu għadda u waqaf hawn xahrejn, bħala l-mistieden tal-Grammastru Verdala, li stiednu biex jiekol miegħu u kien jisilfu l-karrozza. Il-Maltin, ma hemmx bżonn ngħidu, laqgħuh b'entużjażmu l-aktar kbir u wrewh rispett l-aktar kbir matul il-waqfa tiegħu fosthom.

Wara xahrejn, Mons. Abela telaq għal Ruma u ltaqa' mal Papa, mhux Gregorju XIII li miet fl-intervall (1585), iżda ma' Papa Sistu V.

Qatt smajtu x'jgħidu fuqu t-Taljani dan il-Papa?

Jgħidu: "Papa Sisto non la perdono' neppure a Cristo". (Il-Papa Sistu ma ħafirhiex l-anqas 'l Kristu). Ha ngħidilkom għaliex. Fiż-żmien li kien Papa, waħda mara riedet tagħmel xi kemxa flus bis-saħħa ta' Kurċifiss. Daħħlet fih sponża mxarrba, taqqbitlu għajnejh u għamlet li b'xi mod, meta riedet, setgħet tagħfas l-isponża u l-ilma kien joħroġ minn għajnejn il-Kurċifiss.

Dik il-mara kienet tgħid lin-nies li dawk kienu dmugħat ta' Kristu. U n-nies jgħajtu: 'Miraklu, miraklu'. Il-Papa sema' bil-biċċa, bagħat għal dik il-mara u qalilha tiegħu magħha l-Kurċifiss "mirakoluż". Dik marret kollha ferħana għand il-Papa, mingħaliha li se tidħak bih ukoll. Imma Sistu V kien wieħed mill-Papiet l-aktar makakki. Malajr fehem x'kienet il-manuvra. Qabad il-Kurċifiss f'idejh taparsi biex ibusu u xeħtu b'saħħa kbira fl-art.

Il-povru Kristu sar frak u minn żaqqu ħarġet l-isponża mxarrba. Mur ara kemm kienet xarrbitha sewwa dak inhar, biex quddiem il-Papa Kristu jibki aktar! L-ingann ġie mikxuf u l-mara kkastigata.

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

## ISIR VIĊI-GERENTI TAL-VIGARJU TA' RUMA

Issa ejja nissuktaw bl-Isqof Abela. Dan, kif wasal Ruma, ippreżenta rapport dwar il-qagħda tal-Knejjes tal-Lvant. Il-Papa Sistu wkoll għaraf il-għerf, il-ħila u t-tieba ta' Mons. Abela, iddeċieda li jżommu ħdejh f'Ruma, u ħatru xejn inqas minn Viċi-Gerent tal-Vigarju tiegħu fil-Belt Eterna.

L-Isqof baqa' Ruma, fejn miet ta' 64 sena fit-12 ta' Mejju 1605. Ġie midfun fil-Bażilika ta' San Giovanni in Laterano u fuq qabru n-neputijiet tiegħu min naħa ta' missierhom, li kienu l-Kanonku Giovanni u Konsalvu Abela, poġġew lapida ta' rħam b'iskrizzjoni dwar il-karriera tiegħu minquxa fiha.

Barra mir-rapporti sbieħ li Mons. Abela kiteb dwar il-missjoni tiegħu fil-Lvant, huwa kiteb ukoll Grammatka tal-ilsien Għarbi u Istruzzjoni għall-ilsien Kaldajk, kollha bit-Taljan.

Mons. Leonardu Abela, mela, kien Malti li barra li kien magħruf barra mix-xtut tagħna, għamel isem u unur għal art twelidu.